MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 632/2004/1

**Arthur Briffa u Sandro sive Alexander Mallia**

**v.**

**Carmelo u Josephine konjugi Farrugia**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Ottubru, 2007. F’din is-sentenza jinghad hekk:

"Din il-kawza hija dwar weghda ta' bejgh-u-xiri, u nstemghet flimkien ma' kawza ohra[1] bejn l-istess partijiet li nqatghet illum ukoll u fejn gie deciz illi l-konvenju li dwaru saret il-kawza tal-lum huwa milqut b'kawza illecita.
"Ic-citazzjoni tghid illi fid-29 ta' Lulju 2003 il-partijiet kienu dahlu f'konvenju, li kien jorbot sad-29 ta' Lulju 2004, li bis-sahha tieghu l-konvenuti ntrabtu li jbighu lill-atturi bicca art maghrufa *ta' Brolli* jew *ta' Lombard* fil-kontrada *ta' Brolli* jew *ta' Sajna* fil-limiti ta' Birzebbuga, tal-kejl ta' *circa* erbat elef, mitejn u sittin metru kwadru (4,260$m^2$), b'razzett maghha, bil-pussess battâl, u bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet l-ohra msemmija fil-kitba. Qabel ma skada l-konvenju, l-atturi sejhu lill-konvenuti b'ittra ufficjali tat-22 ta' Lulju 2003 sabiex jersqu ghall-pubblikazzjoni ta'l-att ta' trasferiment, izda l-konvenuti ma resqux.

"Dan in-nuqqas tal-konvenuti qieghed jaghmel hsara lill-atturi, li kellhom jifthu din il-kawza biex igieghlu lill-konvenuti jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-att ta' trasferiment taht il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li bihom intrabtu l-konvenuti fil-konvenju. Barra din il-kawza tal-lum l-atturi gà fethu kawza ohra, bic-citazzjoni numru 434/2004, kontra l-istess konvenuti fejn inter alia talbu illi l-Qorti tghid illi l-kitba tad-29 ta' Lulju 2003 hija konvenju ghal dak kolu li tghid u trid il-ligi u zzomm lill-konvenuti milli jghaddu l-proprjetà lil terzi.

"Issa, l-atturi qeghdin jitolbu illi l-Qorti:

"1. tordna illi l-kawza tal-lum tinstema' flimkien ma' dik fl-istess ismijiet mibdija bic-citazzjoni numru 434/2004 – din it-talba ntlaqghet ghax iz-zewg kawzi nstemghu flimkien;

"2. tghid illi l-konvenuti huma marbuta li jbighu lill-atturi bicca art maghrufa *ta' Brolli* jew *ta' Lombard* fil-kontrada *ta' Brolli* jew *ta' Sajna* fil-limiti ta' Birzebbuga, tal-kejl ta' circa erbat elef, mitejn u sittin metru kwadru (4,260 $m^2$), b'razzett maghha, bil-pussess battâl, u bil-

[1] Citazzjoni nru 434/2004.

pattijiet u l-kundizzjonijiet l-ohra msemmija fil-konvenju tad-29 ta' Lulju 2003;

"3. tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jinghatalhom jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' trasferiment;

"4. tahtar nutar biex jippubblika l-kuntratt u kuraturi biex jidhru f'isem min jonqos li jersaq ghall-pubblikazzjoni;

"5. taghti l-post, il-jum u l-hin ghal-pubblikazzjoni;

"6. jekk dan ma jsirx tghid illi l-konvenuti jkollhom iwiegbu ghad-danni li jgarrbu l-atturi;

"7. tillikwida d-danni li garrbu l-atturi; u

"8. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.

"Qeghdin jitolbu wkoll l-ispejjez, fosthom dawk ta' ittra ufficjali tat-22 ta' Lulju 2004.
"Il-konvenuti ressqu dawn l-eccezzjonijiet:

"1. huma ghadhom ma gewx notifikati bic-citazzjoni numru 434/2002, u ghalhekk iressqu eccezzjonijiet dwar l-ewwel talba hekk kif jigu notifikati;

"2. id-dokument esebit mill-atturi, li huma jghidu li huwa konvenju bejn il-partijiet u li fuqu tistrieh ghal kollox l-azzjoni taghhom, huwa "dikjaratament … … … naxxenti" minn kitba privata tat-30 ta' Jannar 2003 bejn il-partijiet; dik il-kitba ghandha kawza illecita ta' uzura ghax turi ammont akbar minn dak misluf tassew u effettivament tahseb ghal imghaxijiet ta' ghoxrin fil-mija (20%);

"3. l-eccipjenti ma jagharfux il-kopja tal-kitba tad-29 ta' Lulju 2003 esebita mill-atturi[2] bhala l-konvenju li

[2] Dok. AB1, *foll*. 5 *et seq*.

ffirmaw ghax il-ftehim bejn il-partijiet, u dak li nqralhom qabel ma ffirmaw, kien dwar ir-razzett biss li jinsab fl-inhawi deskritti, u mhux l-art kollha ta’ mieghu kif jidher mill-kitba; kien hemm ukoll kundizzjonijiet ohra li sar ftehim dwarhom u li nqraw lill-eccipjenti, u li ma jidhrux fid-dokument;

“4. ghalhekk it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom.

“Il-fatti li wasslu ghal din il-kawza sehhew hekk:

“Il-konvenuti gew bzonn il-flus u ghalhekk riedu jbighu xi mmobbli. Sensala laqqghethom ma’ l-atturi, izda ma waslux ghal ftehim dwar prezz, u, minflok xtraw il-proprjetà, l-atturi silfu flus lill-konvenuti. Il-ftehim dwar is-self sar b’att li gie pubblikat min-Nutar Mark Anthony Sammut fit-30 ta’ Jannar 2003; bis-sahha tal-att l-atturi nghataw ipoteka u gew ukoll stipulati xi pattijiet dwar ir-radd tas-self. Fuq l-att jinghad illi s-self kien ta’ tlieta u tletin elf Lira (Lm33,000) minghajr imghax, ghalkemm il-konvenuti jghidu illi s-somma tassew mislufa kienet ta’ tletin elf Lira (Lm30,000), u d-differenza kienet imghaxijiet mohbija. Fuq l-att jinghad ukoll illi s-self kellu jintradd bi hlasijiet ta’ hamest elef Lira (Lm5,000) kull xahar, l-ewwel hlas fl-1 t’April 2003, hlief illi l-ahhar hlas kellu jkun ta’ tlitt elef Lira (Lm3,000); il-konvenuti min-naha l-ohra jghidu illi nghataw zmien ta’ sena biex ihallsu.

“Inghatat ipoteka fuq bicca art f’Birzebbuga tal-kejl ta’ erbat elef, mitejn u sittin metru kwadru (4,260m$^2$), b’razzett maghha; hawn ukoll il-konvenuti jghidu illi l-ftehim ma kienx dak li tnizzel fl-att, izda kien illi l-ipoteka kellha tolqot biss ir-razzett.

“Dwar x’jigri jekk il-konvenuti jaqqghu lura fil-hlas, il-ftehim ighid hekk:

““F’kaz li d-debituri jibqghu moruzi f’pagament mensili wiehed, allura s-somma mislufa, jew il-bilanc minnha li jkun ghadu ma thallasx, tkun ripagabbli minnufih fuq semplici domanda tal-kredituri.

“Jibqa’ miftiehem bejn il-partijiet illi jekk kemm-il darba d-debituri jibqghu moruzi f’pagament mensili wiehed, il-kredituri jkollhom il-jedd ukoll illi, jekk ma jaghzlux li s-somma jew il-bilanc minnha ma jkunux imhallsin minnufih, allura jistghu jaghzlu li minflok jithallsu s-somma kollha jew il-bilanc li jkun ghadu dovut, il-kredituri jaghtu lura lid-debituri l-parti mis-somma li d-debituri jkunu lahqu hallsu, u d-debituri jaghtu lill-kredituri b’titolu ta’ *datio in solutum* il-beni ipotekat b’dana l-att. Jibqa’ miftiehem li jekk il-kredituri jaghzlu din l-opzjoni, jigifieri li jinghataw il-beni b’*datio in solutum*, ikunu qeghdin jirrinunzjaw ipso facto ghad-drittijiet ta’ litigazzjoni taghhom. Id-debituri, f’dan il-kaz, ikunu marbutin jaddivjenu ghall-att ta’ *datio in solutum* fi zmien hmistax-il (15) jum mid-data li l-kredituri jinterpellawhom; fin-nuqqas il-kredituri jerga’ jkollhom id-dritt li jipprocedu permezz l-awtorità gudizzjarja kompetenti.

“Ghal kull buon fini jibqa’ miftiehem illi l-valur tal-beni ipotekat huwa ta’ tlieta u tletin elf Lira (Lm33,000) u cioè, a skans ta’ kull ekwivoku, id-debituri sa minn issa stess f’kaz ta’ trasferiment *datio in solutum* jirrinunzjaw ghal kull dritt li jivvalutaw l-imsemmi immobbli b’valur oghla.”

“Gara illi l-konvenuti ghamlu l-ewwel hlas ta’ hamest elef Lira (Lm5,000), izda ma waslux ghat-tieni hlas. Meta gara hekk l-atturi raddewlhom il-hamest elef Lira (Lm5,000) li kienu gà hallsu, u l-partijiet resqu ghal ftehim iehor li sar b’kitba privata, ghalkemm quddiem in-Nutar Mark Anthony Sammut, fl-20 ta’ Lulju 2003.

“F’dik il-kitba l-partijiet, wara li semmew l-att ta’ self tat-30 ta’ Jannar 2003, ftiehmu illi:

““… … … qeghdin temporanjament, u sakemm hekk jidhrilhom a diskrezzjoni assoluta taghhom il-kredituri, iwaqqfu l-modalità miftiehma f’dak l-att u minflok qeghdin jaddivjenu ghal dan il-konvenju … … …”

“Il-kitba tkompli tghid illi l-konvenuti ntrabtu li jbighu lill-atturi, li ntrabtu li jixtru, l-art u r-razzett imsemmija fuq,

b'titolu ta' *datio in solutum* ghal tlieta u tletin elf Lira (Lm33,000), u l-weghda kellha tibqa' torbot ghal sena.

"Billi l-konvenuti ma resqux ghall-bejgh l-atturi sejhuhom b'ittra ufficjali fiz-zmien li taghti l-ligi u fethu din il-kawza tal-lum biex igeghluhom ibighu.

"Jekk noqoghdu biss fuq il-ftehim miktub, ma hemm ebda dubju illi bil-kitba tal-20 ta' Lulju 2003 il-konvenuti ntrabtu li jbighu lill-atturi r-razzett u l-art imsemmija f'dik il-kitba, u illi l-atturi ghandhom jedd, bis-sahha ta' dak il-ftehim, li jgieghlu lill-konvenuti jbighulhom l-art u r-razzett.

"Il-konvenuti izda qeghdin ighidu illi dak li nkiteb ma huwiex dak li sar ftehim dwaru u, barra minn hekk, qeghdin ighidu wkoll illi hemm kawza illecita ghax is-somma ta' tlieta u tletin elf Lira (Lm33,000) ma hijiex is-somma tassew mislufa u tahbi imghaxijiet oghla milli taghti l-ligi.

"Kemm l-att pubbliku ta' self kif ukoll il-konvenju b'kitba privata saru quddiem nutar, li xehed li nizzel fedelment dak li qalulu li ftiehmu l-partijiet.

"Il-konvenuti izda qeghdin ighidu illi n-nutar ingannahom. Ghalkemm l-imgieba tan-nutar meta rrifjuta li jaghti lill-konvenuti kopja tal-kitba privata jekk mhux bil-kunsens tal-atturi – bhallikieku parti ma ghandhiex jedd li tinghata kopja ta' ftehim li hija parti fih – thasseb xi ftit hazin, madankollu l-Qorti temmen li dan sar mhux ghax in-nutar kellu xi ghan ulterjuri izda minhabba kawtela zejda u wkoll zbaljata. Il-Qorti ghalhekk temmen illi l-ftehim tassew kien kif tixhed il-kitba; dan tkompli tixhdu wkoll l-imgieba tal-konvenuti stess ghax, jekk il-ftehim, wara li l-konvenuti waqghu lura fit-tieni hlas, ma kienx tassew li l-atturi jiehdu l-art u r-razzett *b'datio in solutum*, mela xi skop kien hemm illi l-atturi jergghu jroddu, u l-konvenuti jilqghu lura, l-ewwel hlas ta' hamest elef Lira (Lm5,000), jekk mhux biex isehh dak li jghid il-ftehim illi l-atturi "jistghu jaghzlu li minflok jithallsu s-somma kollha jew il-bilanc li jkun ghadu dovut, il-kredituri jaghtu lura lid-debituri l-parti mis-somma li d-debituri jkunu lahqu hallsu, u d-debituri jaghtu lill-

krredituri b'titolu ta' *datio in solutum* il-beni ipotekat b'dana l-att"?

"In-nutar, izda, ma setax jixhed dwar kemm tassew ghaddew flus, u qal illi ma jiftakarx li ghaddew flus. Fil-fatt l-att ta' self ighid illi "s-somma [ta' Lm33,000] se tinghata fizikament mill-krredituri lid-debituri ghada … … …".

"Il-Qorti, fic-cirkostanzi, taraha iebsa biex temmen illi l-atturi kienu sejrin jisilfu tlieta u tletin elf Lira (Lm33,000) bla imghax, meta tqis illi, bl-iskeda ta' hlasijiet miftiehma bejn il-partijiet, l-imghax, bir-rata legali, kien jitla' ghal elf u sebgha u tmenin Lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1,087.25). Tassew illi l-ftehim ighid illi s-self kien sejjer isir fuq "bazi ta' hbiberija", izda x-xhieda turi illi l-partijiet lanqas biss kienu jafu lil xulxin qabel ma laqqghethom is-sensala.

"Ihasseb ukoll hazin il-fatt illi l-flus ma ghaddewx quddiem in-nutar, meta seta' facilment sar hekk – ladarba sar att pubbliku – u l-atturi kien ikollhom ix-xhieda ta' ufficjal pubbliku. Ghalfejn ghazlu li ma jkollhomx din ix-xhieda qawwija ta' kemm tassew ghaddew flus jekk mhux ghax riedu jahbu kemm tassew ghaddew flus?

"Il-Qorti ghalhekk x'aktarx temmen lill-konvenuti, li jghidu illi s-somma mislufa kienet ta' tletin elf Lira (Lm30,000), u d-differenza ta' tlitt elef Lira (Lm3,000) kienu mghaxijiet mistura, mahduma b'rata oghla milli taghti l-ligi. Tkompli ssahhah din il-konkluzjoni tal-Qorti l-istqarrija li harbet lill-attur Arthur Briffa meta, fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2006 fl-atti tac-citazzjoni numru 434/2004, qal illi "gieli" silef xi flus. Tassew illi fittex li jahrab minnha, billi jghid illi drabi ohra silef Lira u mhux somom sostanzjali, izda l-Qorti temmen li dan hu biss loghob ta' kliem.

"Min jislef regolarment ma jislifx bla imghax.
"Ghal din ir-raguni, billi temmen illi s-somma mislufa kienet inqas minn tlieta u tletin elf Lira (Lm33,000), u illi s-somma msemmija fil-kuntratt tigbor fiha imghaxijiet b'uzura, il-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet ta' kawza illecita.

“Ladarba l-konvenju sar biex jithallas *b’datio in solutum* dejn gej minn kawza illecita, il-konvenju wkoll huwa milqut b’dik il-kawza illecita, u t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, mahsuba biex jitwettaq il-konvenju, ghalhekk ma jistghux jintlaqghu.

“Il-Qorti ghalhekk, wara li tilqa’ l-eccezzjoni ta’ kawza illecita, tichad it-talbiet tal-atturi, bla hsara ghal kull jedd li jista’ jkollhom ghar-radd tas-somma tassew mislufa minnhom lill-konvenuti.

“Tikkundanna lill-atturi jhallsu l-ispejjez kollha tal-kawza.”

**L-appell tal-atturi.**

L-atturi hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b’rikors intavolat fit-2 ta’ Novembru, 2007 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tvarja u timmodifika s-sentenza fuq riportata u dan billi tikkonferma dik il-parti fejn cahdet l-ewwel, it-tielet u r-raba’ eccezzjoni tal-konvenuti appellati, thassar, tirrevoka u tikkancella dik il-parti tas-sentenza appellata fejn cahdet it-talbiet attrici u laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti appellati dwar il-*causa illecita,* u konsegwentement tilqa’ it-talbiet kollha attrici u tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti appellati u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuti appellati.

Il-konvenuti appellati ma ressqu ebda risposta kif konstatat mill-atti tal-kawza kif ukoll kif konfermat mid-difensur taghhom fl-udjenza tal-20 ta’ Novembru, 2009.

**Ikkunsidrat:**

Fit-30 ta’ Jannar, 2003 gie ppubblikat kuntratt ta’ mutwu in atti tan-Nutar Mark Anthony Sammut li fih jinghad li l-atturi kienu silfu lill-konvenuti s-somma ta’ Lm33,000 li kellha tinghata lill-konvenuti l-ghada. Dan is-self kien minghajr imghax. Kien gie miftiehem li dan l-ammont kellu jintradd lura b’rati mensili ta’ Lm5,000 il-wiehed b’effett mill-1 ta’ April, 2003, hlief l-ahhar pagament li kellu jkun ta’ Lm3,000. In garanzija tar-restituzzjoni tad-debitu u tal-

obbligi assunti fil-kuntratt giet kostitwita ipoteka specjali fuq art, proprjeta` tad-debituri, inkluz ir-razzett li kien hemm fuqha, liema art tifforma l-mertu tal-kawza odjerna u tinsab gewwa Birzebbuga. Fl-imsemmi kuntratt il-krédituri nghataw il-fakolta` li f'kaz ta' morozita` da parti tad-debituri, tigi trasferita` lilhom, b'titolu ta' *datio in solutum,* il-proprjeta` hekk ipotekata.

Effettivament il-konvenju li l-atturi llum qed jitolbu l-ezekuzzjoni tieghu, li gie ffirmat fid-29 ta' Lulju, 2003, huwa rizultat ta' din l-ghazla billi jidher li kien hemm morozita` da parti tad-debituri, hawn konvenuti, u ghalhekk filwaqt li l-atturi waqqfu l-modalita` miftiehma fil-fuq imsemmi att, gie iffirmat konvenju ghat-trasferiment tal-proprjeta` imsemmija bil-pattijiet u kundizzjonijiet hemm imnizzla.

Fl-14 ta' Gunju, 2004 billi, skond ma jghidu l-atturi, il-konvenuti kienu ghamlu ftehim ma' terzi ghall-bejgh tal-proprjeta` ipotekata u mertu tal-konvenju tad-29 ta' Lulju, 2003, l-istess atturi, wara li ottenew l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni, istitwew proceduri (Citaz. Nru. 434/04 – liema proceduri nstemghu kontestwalment ma' dawn il-proceduri) sabiex jigi dikjarat li l-iskrittura fuq imsemmija hija konvenju ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u li konsegwentement l-konvenuti jigu inibiti li jbieghu l-istess proprjeta` lil terzi.

Sussegwentement u cioe` fit-22 ta' Lulju, 2004 l-atturi, interpellaw lill-konvenuti biex jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-att opportun ta' trasferiment. Il-konvenuti naqsu li jersqu u ghalhekk gew istitwiti dawn il-proceduri; biss il-konvenuti opponew it-talba attrici billi, fost affarijiet ohra, eccepew li l-konvenju li fuqu hija msejsa l-azzjoni kien naxxenti mill-iskrittura privata (recte:kuntratt) tat-30 ta' Jannar 2003 li kien milqut minn kawza illecita u cioe` usura.

L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li fil-kuntratt imsemmi kien hemm kawza illecita, u konformement laqghet din l-eccezzjoni billi osservat li '*La darba l-konvenju sar biex jithallas b'datio in solutum dejn gej minn*

*kawza illecita, il-konvenju wkoll huwa milqut b'dik il-kawza illecita, u t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, mahsuba biex jitwettaq il-konvenju, ghalhekk ma jistghux jintlaqghu.*' It-talbiet attrici konsegwentement gew michuda.

**L-aggravji tal-atturi appellanti.**

Bazikament hemm aggravju wiehed mressaq mill-atturi appellanti li jolqot l-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti billi qed jinghad illi '*b'ebda mod ma kien hemm jew gie ppruvat min-naha tal-konvenuti appellati illi effettivament kien hemm kawza illecita illi tivvizzja l-kuntratti hawn fuq imsemmija.*'

**Ikkunsidrat:**

Huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti li tkun ghamlet l-ewwel Qorti sakemm ma jkunx jidher li b'dak l-apprezzament tkun inholqot ingustizzja. Issa minn ezami tal-provi prodotti din il-Qorti ma tara xejn li jiggustifika konkluzzjoni differenti minn dik li waslet ghaliha l-ewwel Qorti fuq il-provi rizultanti.

Il-kompitu tal-ewwel Qorti kien dak li tistabilixxi jekk l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti kienitx gustifikata, u cioe` jekk il-kuntratt tat-30 ta' Jannar, 2003 kienx ivvizjat b'kawza illecita li tirrendih invalidu a tenur tal-Artikolu 1853 tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta. L-Artikolu 1852(1) tal-istess Kodici Civili jiddisponi li l-imghax *ma jistax jaqbez it-tmienja fil-mija fis-sena.* U l-artikolu sussegwenti, gja` msemmi, jiddisponi li kull kuntratt maghmul b'qerq tad-disposizzjonijiet tal-ahhar artikolu qabel dan jista' jithassar.
Fil-kaz in ezami fit-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu l-uzura ossia impozizzjoni ta' imghax aktar minn dak permessibbli mil-ligi. Kien dan il-fattur li kellha tiddetermina l-ewwel Qorti, u mic-cirkostanzi kollha li rrizultawlha waslet biex tat affidament lix-xhieda tal-konvenuti u kkonkludiet li effettivament il-kuntratt ta' self ta' Jannar 2003 kien jikkomprendi l-uzura.

Din il-Qorti, wara li regghet ezaminat bir-reqqa l-provi kollha, taqbel ma’ l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti, billi fl-ewwel lok huwa inkoncepibbli li bejn persuni estranei ghal xulxin, isir kuntratt ta’ self minghajr korrispettiv ghall-parti li tkun qed tislef. Ghalkemm huwa minnu, kif ighidu l-atturi, li l-valur tal-proprjeta` li kellhom id-dritt li jakkwistaw f’kaz ta’ morozita` kien jaghmel tajjeb ghal kull imghax pretiz (anzi fil-fehma ta’ din il-Qorti kien eccessiv bil-bosta), dan id-dritt tal-atturi kien jissarraf biss f’kaz ta’ morozita da parti tal-konvenuti u ghalhekk ma kien hemm ebda garanzija li l-atturi jakkwistaw din il-proprjeta`. Hemm ukoll ic-cirkostanza li l-flus mislufa ma ghaddewx minn parti ghall-ohra fil-presenza tan-Nutar li ppubblika l-att u dan, tifhem din il-Qorti, setgha sar biex ma jkunx hemm xhieda estranei ta’ kemm inghataw flus. Hemm ukoll x-xhieda tal-istess konvenuti li ddikjaraw li huma rcevew biss, permezz ta’ *cheques* mahruga mill-atturi, is-somma ta’ Lm30,000 u mhux Lm33,000. Jekk il-pagament sar b’*cheques*, fatt mhux kontestat mill-atturi, dawn setghu facilment gabu prova kuntrarja ghal dak allegat mill-atturi dwar l-ammont misluf billi jressqu rapprezentant tal-bank biex jipproduci c-*cheques* li fil-fatt issarfu mill-konvenuti.

Tenut kont tal-provi kollha prodotti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti taghmel taghha l-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti billi tiddikjara li fil-kuntrattazzjoni ta’ bejn il-kontendenti fl-okkazjoni li nghata self b’kuntratt ppubblikat fit-30 ta Jannar, 2003 kien hemm element ta’ uzura u cioe` *causa illecita* li tolqot ukoll il-validita` tal-konvenju meritu ta’ dawn il-proceduri.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-atturi qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez ta’ din l-istanza ghall-atturi appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------